**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 418/17 AL

Ab
Vs
Cb

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-20 ta' Dicembru tas-sena 2003 skont kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebiti u mmarkat bhala Dok. "A";
2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' J li twieled fil-15 ta' Frar tas-sena 2009;
3. Illi l-partijiet ilhom separati "de facto" u jghixu hajja totalment separata minn xulxin sa minn Jannar 2013;
4. Illi l-partijiet ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bejniethom datata 31 ta' Lulju 2015 fl-atti tan-Nutar Ann Fenech Adami li kopja tieghu awtentikata qed tigi annessa esebita u mmarkata bhala Dok. "B";

5. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari godda;
6. Illi inoltre ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u l-minuri fuq imsemmi;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tal-esponenti nniffsu, liema affidavit qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. C.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 2017;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta’ Lulju 2015 u de facto separati minn Jannar 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.